# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 1/2018**
**Numru 7**

**Alexander Falzon u Mary Rose Falzon f'isimhom u għal kull interess ta' binhom minuri, Daniel Falzon; u, wara l-mewt ta' Alexander Falzon, il-kawża b'dikriet tad-9 ta' Novembru 2018 tkompliet fil-persuna ta' Mary Rose Falzon f'isimha u f'isem Daniel Falzon**

***v.***

**It-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u tal-Avukat tal-Istat u l-ieħor tal-attriċi – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fil-11 ta' Diċembru 2019 li sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-attur għall-protezzjoni tal-ħajja mħares taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artikolu 2 tal- Kon-

venzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni Ewropea”]. Bħala rimedju għal dan il-ksur l-ewwel qorti ordnat lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma totali ta’ erbgħin elf euro (€40,000) in kwantu ħamsa u tletin elf euro (€35,000) bħala danni morali jew non-pekunjarji u ħamest elef euro (€5,000) bħala danni pekunjarji.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ir-rikorrent, illum defunt, Alexander Falzon kien impjegat mat-Tarzna ta’ Malta bejn is-snin 1980 u 2008 li matulhom allegatament ġie espost għall-materjal tal-asbestos u per konsegwenza eventwalment qabditu l-marda tal-kanċer. Huwa miet fl-20 t’April 2018. Alexander Falzon, martu u għan-nom ta’ binhom intavolaw il-proċeduri odjerni kontra l-intimati peress li fil-fehma tagħhom nonostante l-għarfien mill-Istat Malti għal għexieren sħaħ dwar l-effetti noċivi tal-espożizzjoni għall-asbestos, l-istess stat naqas li jipprovdi lill-istess Falzon bi protezzjoni fattwali, legali u informattiva biex jilqa’ għall-ħsara kkaġunata minn dan il-materjal bil-konsegwenzi kollha li l-istess Falzon u l-familja tiegħu kellhom ibatu għal dan in-nuqqas. Ir-rikorrenti jsostnu li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti fil-Kostituzzjoni ta’ Malta ... u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ...«

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »... ... ... tiddikjara li fil-konfront individwali ta’ kull wieħed mir-rikorrent nkiser:
>
> »1. id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqiegħedx f’periklu bla bżonn, *ai termini* ta’ artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u ta’ artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta;
>
> »2. id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu, u li dan id-dritt ma jiġi mittiefes, ai termini tal-Kostituzzjoni kif ukoll ai termini ta’ artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana *tramite* Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’dak li għandu x’jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tar-rikorrenti;
>
> »3. id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu, u li dan id-dritt ma jiġix mittiefes, ai termini ta’ Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana

*tramite* Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos;

»4. tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti minn dak jew dawk responsabbli fost il-konvenuti;

»5. tiddikjara l-konvenuti jew mill-liema minnhom responsabbli għall-irtirar mix-xogħol qabel iż-żmien tal-esponent Alexander Falzon minħabba li kkuntratta kanċer ikkaġunat mill-asbestos;

»6. tillikwida somma bħala riżarċiment għat-telf ikkaġunat minħabba l-irtirar mix-xogħol qabel iż-żmien tal-esponent Alexander Falzon u tordna dawk responsabbli jħallsu tali somma lill-istess Alexander Falzon.«

4. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, qabel xejn ir-rikorrenti jeħtiġilhom juru li Alexander Falzon kien tassew espost għall-asbestos u kif ukoll li l-kanċer malinju li nstab fuqu kien konsegwenza u kawża unika tal-fatt li l-imsemmi Alexander Falzon kien espost għall-asbestos. F'dan il-kuntest ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew esebiti mar-rikors li l-kanċer żviluppa minħabba li l-imsemmi Falzon kellu kuntatt mal-asbestos.

»2. Tabilħaqq mhux daqstant differenti minn kawżi ċivili ordinarji, għalkemm hawn qegħdin fil-kamp kostituzzjonali, ir-rikorrenti xorta jridu jippruvaw n-ness tal-kawżalità u ma jistgħux jistrieħu fuq sempliċi suspetti, ipoteżijiet u konġetturi, kif hekk qed jihder li qed jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħhom.

»3. illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi kemm bħala fatt u bħala dritt, peress li ħadd mill-intimati intenzjonalment ma qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom.

»Fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-*animus nocendi* li jikkaġuna xi ħsara għal saħħet ir-rikorrenti.

»4. illi dwar l-ilment tar-rikorrenti marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent josserva li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għahekk inkwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll.

»5. Madankollu biex l-argument ikun sħiħ, l-esponenti assolutament jiċħdu bħala fatt li huma ndaħlu jew ħadu xi miżuri biex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti.

»6. illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, b'mod ġenerali jingħad li l-Gvern Malti ħa dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-asbestos karċinoġenu fit-tarzna. Tassew, malli l-Gvern sar jaf bil-perikolu ta' dan il-materjal, huwa ħa ċertu passi rimedjali biex jiġi evitat il-periklu. Infatti l-amministrazzjoni tat-tarzna provdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata għaddejja.

»7. Mhux fi żmien daqshekk imbiegħed l-asbestos kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa materji prima biex isolvu problemi ta' insulazzjoni. Hekk kif il-Gvern Malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, inbeda proċess biex jitneħħa dan il-materjal u saħansitra għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni tiegħu. Naturalment però dan il-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu għaliex l-asbestos ma setax jisparixxi f'daqqa waħda.

»8. Jiġi b'hekk li l-Gvern Malti ma jistax jitqies responsabbli li ma pprojbixxiex l-użu tal-asbestos jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli sanitarji marbuta mal-espożizzjoni tal-asbestos malli sar jaf b'mod konklussiv bl-effetti negattivi tiegħu fuq saħħet il-bniedem.

»Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-onorabbli qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-ħames eċċezzjoni filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati;

»2. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba filwaqt li tiċħad il-ħames u s-sitta talba tar-rikorrenti;

»3. tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li fil-konfront tagħhom l-intimati kisru d-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqigħedx f'periklu bla bżonn, ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»4. tilqa' limitatament ir-raba' talba tar-rikorrenti u tillikwida s-somma totali ta' erbgħin elf euro (€40,000) in kwantu ħamsa u tletin elf euro (€35,000) bħala danni morali għal-leżjoni sofferta u ħamest elef euro (€5,000) *arbitrio bono viri* li għandha tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti manutenzjoni fid-dar matrimonjali. Din is-somma għandha titħallas mill-intimati solidalment bejniethom.

»5. peress li mhux it-talbiet kollha tar-rikorrenti ġew milqugħa, l-ispejjeż għandhom jinqasmu hekk: $^{5}/_{6}$ l-intimati u $^{1}/_{6}$ ir-rikorrenti.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Kif irriżulta mill-provi mressqa fil-każ odjern Alexander Falzon għamel tmienja u għoxrin (28) sena, mill-1980 sal-2008, jaħdem f'ambjent ta' xogħol li esponih kontinwament għall-materjal tal-asbestos. Inevitabilment, u kif inhuwa ormai notorjament magħruf u stabbilit b'katina ta' ġurisprudenza, il-ħaddiema f'dak il-perjodu kienu regolarment esposti għall-materjal noċiv tal-asbestos fil-ħinijiet tax-xogħol. Dan fuq bażi prolongata ta' tant snin.

»Il-periklu għas-saħħa kawżata minn espożizzjoni għall-asbestos, partikolarment espożizzjoni prolongata, ġie konfermat f'depożizzjoni dettaljata minn Dr George Peplow, xhud imressaq mill-intimati stess.

»Alexander Falzon, fl-età ta' 54 sena, kien ġie dijanjostikat bil-marda tal-kanċer – mesothelioma – li wasslet għall-mewt tiegħu fl-20 t'April 2018.

»Il-Professur Joseph Cacciattolo kkonferma n-ness dirett bejn dan it-tip ta' kanċer u l-espożizzjoni għall-asbestos.

»… … …

»Mill-provi mressqa ma rriżultaw ebda fatturi esterni li setgħu ikkawżaw jew ikkontribwew għal dawn il-konsegwenzi fuq saħħet Alexander Falzon.

»Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li l-kanċer malignant mesothelioma li bih marad u eventwalment miet Alexander Falzon kien riżultat dirett tal-espożizzjoni tiegħu għall-effetti noċivi tal-asbestos fil-kors tal-ħajja lavorattiva tiegħu.

»Ġie muri wkoll li, għal għexieren ta' snin, kien hemm għarfien dwar ir-riskji għas-saħħa relatati mal-asbestos. Il-Prof. Cacciattolo jgħid li evidenza xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-asbestos mal-kanċer tirrisali għas-sena 1938. U fl-1960, in-ness bejn l-asbestos u pleural mesothelioma kien ġie indikat fil-bullettin mediku tal-Ingilterra, liema bulletin kien popolari mat-tobba Maltin. Dan il-fatt ma ġiex kontradett. Minn naħa l-oħra Dr George Peplow jikkonċedi li lejn l-aħħar tas-sittinijiet, żgur li f'Malta kien diġà hawn għarfien dwar l-effetti tal-asbestos tant li fl-Università kienu ttieħdu xi miżuri preventivi.

»Bħala fatt għalhekk huwa ċar, u għal dan l-intimati odjerni ma għandhom ebda skuża, illi fil-perjodu li Alexander Falzon kien qiegħed jiġi espost għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol tiegħu, l-għarfien għall-awtoritajiet Maltin dwar il-periklu għas-saħħa assoċjati mal-asbestos kien jeżisti u l-informazzjoni dwar in-ness bejn it-tip ta' kanċer li qabad lir-rikorrent u l-espożizzjoni għall-asbestos kienet disponibbli għalihom.

»*Nonostante* dan l-għarfien però l-Istat Malti xorta ma ħax miżuri preventivi adegwati biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema, tant li Alexander Falzon, fost persuni oħra li almenu l-każ tagħhom spiċċa quddiem il-qrati, maż-żmien qabdu kanċer, li kkawża l-mewt tiegħu. Mhux biss l-informazzjoni disponibbli għall-istat damet wisq snin biex ġiet trasmessa lill-pubbliku talli anke mill-lat leġislattiv l-istess stat ħalla snin sħaħ jgħaddu qabel beda jieħu azzjonijiet konkreti biex jindirizza l-kwistjoni tal-effetti ħżiena li l-asbestos ikollu fuq is-saħa tal-bniedem. Infatti l-qorti tinnota li kien fis-27 ta' Settembru 1994 li saru Regolamenti dwar il-Projbizzjoni ta' Importazzjoni ta' Fibri tal-Asbestos (L.S. 37.11) permezz ta' liema ħadd ma seta' jimporta ġewwa Malta jew joħroġ minn depożt fibri sfużi tal-asbestos. Imbagħad kien l-Att

dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tas-17 ta' Novembru 2000 (Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-leġislazzjoni sussidjarja li taqa' taħtu, li indirizza direttament il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-espożizzjoni għall-asbestos. Dan primarjament permezz tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta Persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol (A.L.123 tal-2003 u A.L. 323 tal-2006). Għal kull buon fini jiġi nnutat ukoll li fit-28 ta' Ġunju 2002 kienu għaddew ir-Regolamenti dwar Prevenzjoni u Tnaqqis ta' Tniġġis tal-Ambjent mill-Asbestos (L.S. 549.18). Madankollu minn dan kollu jemerġi ċar li, fil-perjodu meta l-istat beda ftit ftit jintroduċi salvagwardji leġislattivi, Alexander Falzon kien diġà ilu snin twal jiġi espost għall-effetti tal-asbestos bil-konsegwenzi kollha li dan inevitabilment kellu fuq saħħtu.

»Huwa minnu li l-istat mhuwiex tenut jagħmel l-impossibbli u ma għandux jiġi mgħobbi b'obbligi sproporzjonati jew li mhux realistiċi. Iżda żgur li dan mhux il-każ fis-sitwazzjoni in deżamina. Mhuwiex il-kompitu tal-qorti li tgħid hi x'missu għamel l-istat f'dawn iċ-ċirkustanzi iżda huwa ċar li, kif ingħad, bl-għarfien li kellu l-gvern fl-epoka li kien għadu jaħdem fit-Tarzna Alexander Falzon, l-istess stat kien f'qagħda li jevalwa l-ħtieġa u jipprovdi miżuri adegwati li jipproteġi l-ħajja tal-istess Falzon u ta' kull min f'Malta bħalu kien espost għall-effetti tal-asbestos inkluż fuq il-post tax-xogħol;

»F'dan il-kuntest għalhekk il-konklużjonijiet tal-QEDB fil-każ <u>LCB *v.* UK</u> ċitat mill-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom ma jgħoddux għall-każ tal-lum peress li f'dak il-każ, kuntrarjament għall-każ odjern, l-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni li kellhom disponibbli ma setgħux jestabilixxu b'ċertezza jekk missier l-applikant kienx ġie espost għal radjazzjoni u lanqas jekk din l-istess radjazzjoni setgħetx tikkawża periklu għal saħħtu.

»… … …

»Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti l-qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u sejra tilqa' għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti.

»Għall-istess raġunijiet sejrin jiġu respinti l-ewwel, it-tieni, t-tielet, is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjoni tal-intimati.

»It-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti

»… … …

»*In vista* tal-fatt li din il-qorti sejra takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti, isegwi li għandha tikkunsidra r-raba' talba tagħhom permezz ta' liema qegħdin jitolbu lill-qorti sabiex –

> »"tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti minn dak jew dawk responsabbli fost il-konvenuti;"

»… … …

»… … …il-qorti tissottolinea li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ tal-lum, il-leżjoni sofferta hija waħda klassifikabbli bħala serja in kwantu n-nuqqasijiet tal-istat wasslu għall-marda terminali fil-persuna ta' Alexander Falzon li biha tilef ħajtu. Anke jekk *restitutio in integrum* ma' jista' qatt iseħħ

b'mod sħiħ il-kumpens morali likwidat għandu jkun wieħed adegwat li jirrifletti dan l-istat ta' fatt.

»Ukoll fuq skorta tal-prinċipji ġurisprudenzjali ċitati u fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, sabiex ikun hemm uniformità fid-deċiżjonijiet ta' każijiet analogi – dejjem b'applikazzjoni għall-fatti-speċje partikolari tal-każ – il-qorti rat numru ta' sentenzi in materja għal dak li jirrigwarda kumpens morali mogħti –

»a. George Spiteri *et v. Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni deċiża fit-23 ta' Novembru 2016 fejn din il-qorti kif preseduta akkordat kumpens ta' €25,000. Huwa kien ħadem it-Tarzna għal 22 sena bejn l-1958 u l-1980, ġie dijanjostikat bil-kanċer malignant mesothelioma f'Ottubru 2008 u miet inqas minn sentejn wara f'Lulju 2010 fl-età ta' 66 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;

»b. Helen Vella *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et* deċiża fit-30 ta' Novembru 2018 fejn din il-qorti kif preseduta akkordat kumpens ta' €25,000. Huwa kien espost għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol bejn l-1969 u l-1997; ġie eventwalment dijanjostikat bil-kanċer malignant mesothelioma u miet f'April 2014 fl-età ta' 70 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;

»ċ. Mary Grace Farrugia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiża fil-31 ta' Jannar 2017 fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €30,000. Il-qorti qieset li d-*decujus* kien miet fl-età ta' 60 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;

»d. Josephine Mallia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern deċiż fil-15 t'Ottubru 2018 fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €25,000.

»e. Lawrence Grech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fit-8 ta' Novembru 2018 fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €30,000. Il-qorti kkunsidrat fost affarijiet oħra li Grech miet ta' 57 sena u madwar sena u ħdax-il xahar wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu. Kellu familja bi tliet ulied li kienu għadhom kemm bdew il-ħajja u bil-mod il-mod bdew jieħdu l-istat tagħhom. (Fit-12 ta' Lulju 2019 il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel qorti iżda l-kumpens morali ta' €30,000 ġie konfermat);

»f. Anthony Farrugia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel qorti fil-*quantum* tal-għoti ta' kumpens u akkordat is-somma ta' €10,000. Fost il-fatturi ewlenin li wasslu lill-qorti tagħti dak il-kumpens kien li lil Farrugia l-marda qabditu fl-aħħar sena u nofs ta' ħajtu u miet fl-età avvanzata ta' 84 sena;

»g. Emanuela Caruana *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et* deċiż fil-5 t'Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens ta' €12,000 wara li qieset li Emanuel Caruana kien miet ta' 71 sena *cioè* għaxar snin wara li irtira u ta' età li qabżet is-70 sena;

»h. John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat

is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens ta' €21,000 wara li qieset li Formosa kien miet fl-età ta' 62 sena, il-kontribuzzjoni familjari ma tantx kienet qawwija però din l-istess kontribuzzjoni xorta kienet determinanti għall-familja numeruża tiegħu;

»i. Maria Rosaria Fenech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel qorti u akkordat is-somma ta' €15,000 tenut kont tal-fatt li Fenech kellu l-età ta' 73 sena meta miet u dan seħħ fi żmien qasir wara li ġie dijanjostikat bil-marda. *Oltre* dan huwa kien ilu snin li rtira mix-xogħol;

»j. James Fenech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fit-12 ta' Lulju 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel qorti u akkordat kumpens morali ta' €26,000. F'dak il-każ missier ir-rikorrenti kien marad ta' 51 sena u miet ta' 55 sena;

»k. Maria Assunta Pulis *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiż fit-12 ta' Lulju 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens morali ta' €20,000. F'dak il-każ missier ir-rikorrenti kien marad f'Lulju 2013 u miet inqas minn sentejn wara fl-età ta' 67 sena.

»Fil-każ tal-lum il-qorti rat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tissottolinea fost oħrajn il-fatt li Alexander Falzon ġie dijanjostikat bil-marda qerrieda tal-kanċer malignant mesothelioma f'Novembru 2016 fl-età ta' biss 54 sena. Bħal ħafna każijiet simili għal tiegħu dam *circa* sentejn jissielet mal-marda fejn huwa mbagħad miet f'April 2018 fl-età ta' 55 sena. Ma' dan jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra rilevanti fosthom it-tbatija fiżika u morali li huwa sofra tul il-marda, kif ukoll l-impatt emottiv u psikoloġiku li dan kollu ħoloq fuq martu u binhom minorenni. Il-qorti jidhrilha wkoll li għandha tagħti piż mhux żgħir lil fatt li iben Alexander, fl-età tenera ta' tmien snin, minflok gawda lil missieru spiċċa jarah jgħaddi mit-tbatija kiefra ta' din il-marda u tilfu fl-età ta' għaxar snin b'dana li għalhekk ġie mċaħħad minn missieru f'perjodu ferm bikri ta' ħajtu.

»Il-qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi għandha tillikwida s-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) bħala danni non-pekunarji.

»Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll id-danni reali.

»Huma jibbażaw din il-pretensjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (art. 1031 *et seq.*) permezz ta' liema kull persuna għandha twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha. Huma jargumentaw illi li kieku ma maradx kien mistenni jibqa' jipperċepixxi introjtu mix-xogħol tiegħu s*elf-employed* bħala mastrudaxxa sal-età ta' 65 sena; kif ukoll li huwa kien jagħmel xogħol ta' *maintenance* fid-dar matrimonjali li minħabba li ġie nieqes issa kellu jibda jsir minn terzi bi ħlas. It-total pretiż minnhom għal dawn id-danni reali huwa ta' €204.926.

»Jingħad fl-ewwel lok li fil-vesti kostituzzjonali l-qorti għandha poteri wiesgħa u hija f'qagħda li takkorda kemm danni morali u anke dawk reali.

»… … …

»Dwar l-allegat introjtu li skont ir-rikorrenti d-de*cujus* kien mistenni jaqla' kieku ma maradx, huma kkalkulaw li, filwaqt li fis-sena 2016 huwa ħadem għal disa' xhur biss u ddikjara qligħ ta' €9,200, għalhekk kieku ħadem sena sħiħa kien mistenni jiddikjara ntrojtu ta' €12,266. Din il-figura mmultiplikawha bi 11-il sena sal-età ta' 65 sena għal total ta' €134,926.

»Jiġi osservat *in primis* li fil-kawża ċitata <u>Lawrence Grech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*</u> ir-rikorrenti wkoll għamlu talba simili għal dik in eżami. Jirriżulta wkoll li wara l-irtirar tiegħu mit-Tarzna Grech ukoll kien beda jaħdem ta' mastrudaxxa. Fir-rigward ta' dik it-talba l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2019 qalet hekk –

> »"Rigward il-pretensjoni għat-telf ta' introjtu li Lawrence Grech kien jagħmel mix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa wara s-sena 2008, din il-qorti tosserva li ma jirriżultax li kieku Lawrence Grech ma mietx huwa kien ser jibqa' jagħmel dak ix-xogħol *multo magis* meta rriżulta li kellu l-introjtu mill-iskema fuq indikata. Għaldaqstant din il-pretensjoni ma tistax treġi."

»Issa fil-każ odjern, anke jekk ma ħariġx fil-provi li Alexander Falzon kien ħa xi skema ta' rtirar kmieni mix-xogħol, il-qorti xorta hija l-fehma li din il-pretensjoni tar-rikorrenti ma ssibx għeruq. Fuq l-istess binarju ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ċitat, ma hemm ebda garanzija illi li, kieku ma mietx, Alexander Falzon kien ser jibqa' jagħmel xogħol ta' mastrudaxxa. Dan jingħad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li kif ammess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess rikorrenti, huwa "meta marad kien għadu kemm jibda n-negozju tiegħu". B'hekk aspettattivi ta' suċċess f'dan in-negozju u proġettazzjonijiet dwar l-akkrexximent tiegħu kif indikat mir-rikorrenti huma żgur azzardati. Fuq kollox hawn *si tratta* ta' impjieg *self-employed* li allura fi kwalunkwe każ ma kien hemm ebda garanzija, lanqas fuq bażi ta' probabiltà, li l-ordnijiet ta' xogħol kienu neċessarjament se jkunu regolari u kostanti.

»Għalhekk din il-pretensjoni sejra tiġi respinta.

»Ir-rikorrenti jippretendu wkoll riżarċiment reali ta' spejjeż marbuta ma' xogħol kif ukoll li huwa kien jagħmel xogħol ta' *maintenance* fid-dar matrimonjali li minħabba li ġie nieqes issa kellu jibda jsir minn terzi bi ħlas. Ir-rikorrenti ssottomettew li, filwaqt li qabel il-mewt ta' Falzon huwa kien jagħmel xogħol ta' *maintenance* fid-dar, wara mewtu hija kellha tqabbad ħaddiema bi ħlas biex jagħmlu dan ix-xogħol. Huma jippretendu ħlasijiet fost oħrajn sabiex tinżebagħ id-dar minn barra u minn ġewwa u manutenzjoni tal-bjut fl-ammont ta' €16,000 kull ħames snin; €27,000 kull ħmistax-il sena għall-għamara kollha inkluż il-kċina u €5,100 kull ħmistax-il sena fuq bibien u aperturi.

»Għal darb'oħra jiġi osservat li talba simili saret ukoll fil-każ ta' <u>Lawrence Grech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*</u> fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

> »"Rigward il-pretensjoni ta' €15,000 spejjes ta' xogħolijiet ta' manutenzjoni li skont ir-rikorrenti Susan Grech kien isir minn żewġha li kieku dan ma mietx, il-qorti tosserva li lanqas din il-pretensjoni ma tista' treġi tenut kont tal-konsiderazzjoni li ma jirriżultax li kieku żewġha kien baqa' ħaj dak ix-xogħol kien isir minnu."

»Issa fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija ftit differenti fis-sens li r-rikorrenti ressqu provi fir-rigward. Mary Rose Falzon xehdet li żewġha kien jieħu ħsieb il-*maintenance* kollu tad-dar u kien jagħmel l-għamara hu stess. Din ix-xiehda hija korroborata minn kollega ta' Alexander Falzon bl-isem ta' Patrick Cassar li qal li kien jaf li Falzon kien kapaċi jagħmel xogħol ta' *maintenance* għax mhux biss ġieli ħadem miegħu imma anke l-istess Falzon kien kellmu dwar xi xogħlijiet li kien għamel id-dar tiegħu. Cassar xehed hekk –

> »"Il-kċina, il-kmamar tas-sodda, il-bibien interni u esterni kollha, il-madum inkluż tal-kmamar tal-banju, iż-żebgħa, il-*plumbing* u ċertu xogħol elettriku fid-dar għamlu Alex. Naf għaliex meta Alex beda jaħdem fuq id-dar konna nitkellmu u kien jgħidli x'inhu jagħmel u konna anke niddiskutu fuq hekk."

»Il-qorti għalhekk, fuq bażi ta' probabiltà sejra taċċetta t-teżi tar-rikorrenti li l-*maintenance* tad-dar matrimonjali matul is-snin saret minn Alexander u għalhekk jimmeritaw kumpens għall-fatt li għal dan ix-xogħol iridu jitħallsu l-barranin. *Detto ciò* l-qorti tqis li l-*quantum* pretiż mir-rikorrenti fir-rigward huwa eżaġerat. Mhux biss ma nġiebet ebda prova li s'issa minn wara l-mewt ta' Alexander saret xi spiża minn dawk imsemmijin minnhom iżda wkoll *nonostante* l-fatt li l-konjugi Falzon ilhom miżżewġin sa mill-2002 ma ġiex pruvat li fir-residenza matrimonjali saru xogħlijiet ta' manutenzjoni bil-frekwenza indikata fil-pretensjonijiet tagħhom.

»Għalhekk il-qorti wara li qieset iċ-ċirkustanzi kollha sejra tillikwida *lump sum* ta' €5,000 *arbitrio boni viri* li għandha tagħmel tajjeb għal dawn il-pretensjonijiet rigwardanti manutenzjoni fid-dar matrimonjali.«

7. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-Avukat tal-Istat appellaw b'rikors tat-23 ta' Diċembru 2019 li għalih l-attriċi wieġbet fis-17 ta' Jannar 2020. Appellat ukoll l-attriċi fl-24 ta' Diċembru 2019 u għal dan l-appell il-konvenuti wieġbu fis-6 ta' Jannar 2020.

8. Qabel ma tqis l-appelli l-qorti tibda billi tgħid illi taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat tal-Istat fit-tieni eċċezzjoni tiegħu illi din kellha tkun kawża ċivili "ordinarja" u mhux kawża kostituzzjonali. Kawżi bħal din tallum kienu jsiru quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex l-atturi jingħataw kumpens sħiħ, billi l-interpretazzjoni prevalenti kienet illi taħt l-art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili ma jingħatawx danni morali jew non-pekunjarji.

9. L-art. 1045 iżda jirregola d-danni li jingħataw meta jkun hemm responsabilità *ex delicto* u mhux ukoll danni *ex contractu*. Issa fil-każ tallum l-attur kien impjegat mat-Tarzna, li hija entità tal-istat, u għalhekk bejn l-attur u l-istat – li llum jidhru għalih il-konvenuti – kien hemm relazzjoni kuntrattwali, u għalhekk ma hemm xejn fil-liġi ordinarja li żżomm milli jingħataw ukoll danni morali[1], u għalhekk kumpens sħiħ, jekk jirriżulta li d-danni li ġarrab l-attur kienu konsegwenza tan-nuqqas ta' min iħaddem – fil-każ tallum l-istat – li jħares is-saħħa tal-impjegati tiegħu. Fl-istat tal-liġi llum, għalhekk, ma għadx hemm ħtieġa li kawżi bħal din tallum jitressqu quddiem qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, li għandha tkun l-eċċezzjoni mhux in-norma.

10. Dan qiegħed jingħad *obiter*, iżda b'awgurju illi millum 'il quddiem ir-rimedju kostituzzjonali jitfittex fejn tassew hu meħtieġ.

11. Ngħaddu issa għall-appell tal-konvenuti u nibdew bl-ewwel aggravju. F'dan l-aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-qorti ma messhiex illikwidat danni morali u danni għall-ispejjeż ta' manutenzjoni tad-dar tal-atturi billi dawn id-danni ma ntalbux fir-rikors li bih inbdiet il-kawża għax l-atturi talbu biss danni pekunjarji bħala kumpens għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom u xejn iżjed. Għalhekk dak illi illikwidat l-ewwel qorti kien *ultra petita*. Ikompli jfissru dan l-ewwel aggravju hekk:

---

[1] Ara <u>Jane Agius *v.* Avukat Ġenerali *et*</u>, (rik. 33/2014) Kost. 14 ta' Diċembru 2015, para. 18-20; <u>Edward Darmanin *et v* Korporazzjoni *Enemalta*</u>, (rik. 1087/2015), App. 31 ta' Mejju 2019, para. 27.

»illi hija regola essenzjali u vinkolanti għall-qorti li tiddeċiedi fuq dak li jkun qed jintalab fil-kawża. Il-qorti hija marbuta bit-talbiet magħmula lilha u ma tistax tagħti aktar minn dak mitlub. … … …

»… … …

»illi fil-każ odjern it-talba magħmula mir-rikorrenti llum appellati kienet għal danni pekunjarji u riżarċiment għat-telf karġunat minħabba l-irtirar mix-xogħol qabel iż-żmien tal-vittma Alexander Falzon u dan kif jirriżulta mit-talbiet magħmula mill-appellati fir-rikors promotur fejn intalab hekk:

> »"4. tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti minn dak jew dawk responsabbli fost il-konvenuti;
>
> »"5. tillikwida somma bħala riżarċiment għat-telf ikkaġunat minħabba l-irtirar mix-xogħol qabel iż-żmien tal-esponent Alexander Falzon u tordna dawk responsabbli jħallsu tali somma lill-istess Alexander Falzon."

»Mit-talba kif impustata mill-appellati jirriżulta b'mod ċar illi dak li talbu l-appellati kien biss rimedju pekunjarju. Fid-dawl ta' din it-talba, l-ewwel onorabbli qorti la kellha tagħti danni morali u lanqas kellha tagħti danni rigwardanti manutenzjoni matrimonjali. Ir-rikorrenti talbu biss danni pekunjarji bħala kumpens għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom u allura meta ġiet biex tiddeċiedi l-kumpens l-ewwel onorabbli qorti ma' dawk il-parametri kellha tibqa'.«

12. Huwa minnu illi – ironikament, meta tqis illi, minkejja dak li ngħad fuq[2], ir-raġuni għala kawżi bħal din tallum jinġiebu quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali hija biex jingħataw ukoll danni morali – l-atturi, meta talbu "kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet" tagħhom, irreferew għal dan il-kumpens bħala "dan ir-rimedju pekunjarju".

13. Madankollu l-qorti tifhem illi dan kien x'aktarx *lapsus* minħabba d-drawwa – xejn rakkomandabbli – ta' xi wħud li jabbozzaw l-atti ġudizzjarji mingħajr wisq attenzjoni għad-dettall u għall-preċiżjoni, u tifhem ukoll illi l-ħsieb tal-atturi kien li jingħataw rimedju sħiħ li joqrob

[2] Para. 8 *et seqq., supra*.

kemm jista' jkun fiċ-ċirkostanzi għal *restitutio in integrum*, kif jixhed ukoll il-fatt illi talba għal rimedju ċivili tawh libsa kostituzzjonali.

14. Għalhekk, għalkemm tifhem dan l-aggravju tal-konvenuti, il-qorti sejra tiċħdu.

15. It-tieni aggravju tal-konvenuti jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi *arbitrio bono viri* tagħti kumpens ta' ħamest elef euro sabiex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar manutenzjoni tad-dar matrimonjali. Komplew fissru dan it-tieni aggravju hekk:

> »… … … l-appellanti jsostnu illi l-qorti ma kellha tagħti ebda kumpens f'dan ir-rigward u dan peress dawn id-danni reklamati kienu biss spekulattivi u ma tressqet ebda prova konkreta … … …
>
> »… … …
>
> »illi *inoltre* l-appellanti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza riċenti Lawrence Grech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2019, liema kawża bħal każ odjern kienet tirrigwarda ħaddiem li kien jaħdem fl-istess post tax-xogħol li fih kien jaħdem il-vittma, li wkoll bħalu wara li ma baqax jaħdem it-Tarzna beda jaħdem bħala mastrudaxxa u li wkoll inħakem mill-marda li ħakmet lir-rikorrent. F'dak il-każ il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:
>
> > »"Rigward il-pretensjoni għat-telf ta' introjtu li Lawrence Grech kien jagħmel mix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa wara s-sena 2008, din il-qorti tosserva li ma jirriżultax li kieku Lawrence Grech ma mietx huwa kien ser jibqa' jagħmel dak ix-xogħol *multo magis* meta rriżulta li kellu l-introjtu mill-iskema fuq indikata. Għaldaqstant din il-pretensjoni ma tistax treġi.
> >
> > »"Rigward il-pretensjoni ta' €15,000 spejjeż ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni li skont ir-rikorrenti Susan Grech kien isir minn żewġha li kieku dan ma mietx, il-qorti tosserva li lanqas din il-pretensjoni ma tista' treġi tenut kont tal-konsiderazzjoni li ma jirriżultax li kieku żewġha kien baqa' ħaj dak ix-xogħol kien isir minnu."
>
> »illi fl-umli fehma tal-appellanti, in kwantu l-fattispeċie tal-każ odjern huma simili għal każ ċitat, dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali kellu japplika wkoll għall-każ odjern.

16. L-attriċi wieġbet hekk:

> »Il-prinċipju li fuqu jistrieħ il-likwidazzjoni tad-danni hu dak ta' *restitutio in integrum*. Il-likwidazzjoni ta' danni tradizzjonali f'Malta hi bbażata fuq żewġ *heads of damage*:

»*Lucrum cessans* u *damnum emergens*. Dawn il-*heads of damage* huma elastiċi biżżejjed biex f'pajjiż mhux marbut bid-dottrina tal-preċedent jinkorporaw ir-riżarċiment ta' diversi ċirkostanzi dannużi li d-danneġġat isib ruħu fihom kawża tal-ħsara li tkun saritlu.

»Fil-likwidazzjoni tad-*damnum emergens* id-dannu riżarċabbli hu pjuttost limitat għaliex irid ikun dannu li jemerġi b'mod immedjat u mingħajr proġettazzjonijiet futuri. Għall-kuntrarju il-likwidazzjoni tad-danni fil-każ ta' *lucrum cessans* f'Malta dejjem tistrieħ fuq proġett-azzjoni probabbli tal-futur. Tali proġettazzjoni hi ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom id-danneġjat eżattament qabel ma jiskatta id-dannu. Dan hu l-obbligu tad-danneġġjat: li jippreżenta evidenza tajba li turi stampa ċara tal-ħajja tiegħu u tad-dipendenti tiegħu qabel l-inċident dannuż. Id-dmir tal-qorti imbagħad hu li tillikwida dawn id-danni b'mod realistiku skond il-liġi.

»Hu ben stabbilit fil-każistika tagħna li xogħol li ma jsirx f'qafas ta' impieg xorta għandu valur għandu jiġi riżarċit. Ngħidu aħna penzjonant jew inkella mara tad-dar ġew kumpensati għalkemm ma jitħallsux għal dak ix-xogħol ... ... ... Huwa f'dan il-kuntest li l-esponenti tisħaq illi

»a) hu fattwali u mhux spekulattiv li Alexander Falzon kien bniedem ta' ħila fix-xogħol tiegħu. Kien mastrudaxxa abbli ħafna (infatti kien *pattern maker*) u bħal ħafna ħaddiema tat-tarzna kien kapaċi jagħmel kollox u kien fil-fatt jagħmel ix-xogħol kollu ta' manutenzjoni u għamara fid-dar matrimonjali. M'hemm ebda raġuni sabiex din l-onorabbli qorti tiskarta dan il-fatt ċentrali fil-komputament tad-danni;

»b) hu fattwali u mhux spekulattiv li d-dar matrimonjali qabel ma marad Alexander Falzon kienet miżmuma tajjeb ħafna sforz tax-xogħol li hu (u martu) kienu jagħmlu fiha. Hu fattwali u mhux spekulattiv li bit-trapass taż-żmien kull dar tkun trid manu-tenzjoni. L-affarijiet ma jservux għal dejjem. Bl-għajnuna u n-*know how* ta' Patrick Cassar ġew elenkati li proġettazzjonijiet tal-manteniment li solitament ikun meħtieġ fid-dar matrimonjali tal-esponenti skond id-daqs, il-kundizzjoni u l-istruttura tagħha. Tressqu il-pjanti, ritratti u tad-dar matrimonjali, kif ukoll ix-xhieda tal-istess Patrick Cassar, li kien ħabib u kollega ta' Alexander Falzon u allura jifhem ix-xogħol li kien għamel u kien kapaċi jagħmel Alexander Falzon. Dawn m'humiex spekulazzjonijiet. Dawn huma proġettazzjonijiet probabbli li huma bbażati fir-realtà.

»ċ) l-appellanti kellhom kull opportunità li jagħmlu kontro-eżami għax-xhieda u jġibu provi oħra biex juru li d-danni pretiżi kienu proġettazzjonijiet eżaġerati jew foloz iżda dan ma sarx u m'huwiex permessibli f'dan l-istadju;

»d) fl-ebda stadju l-appellanti intimati ma jikkontestaw il-fatt li l-manutenzjoni ta' dar li kien isir mill-vittma m'għandux jiġi riżarċit. Dan ifisser li l-prinċipju m'huwiex kontestat. Li hu kontestat mill-appellati intimati hu il-likwidazzjoni ta' dan id-dannu.«

17. Mix-xiehda ħareġ illi tassew illi qabel ma marad il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta’ manutenzjoni ġewwa d-dar matrimonjali tal-konjuġi Falzon kienet issir mill-mejjet Alexander Falzon. Dan huwa fattur relevanti li jiddistingwi dan il-każ mill-każ ta’ Lawrence Grech ċitat mill-konvenuti.

18. Madanakollu, il-qorti hija tal-fehma illi dan il-fattur għandu jiġi assorbit fil-kumpens globali li, għar-raġunijiet li sejrin jissemmew fil-konsiderazjonijiet dwar l-appell tal-atturi[3], għandu jingħata lill-atturi b’titolu ta’ *lucrum cessans* u *damnum emergens*.

19. It-tielet u l-aħħar aggravju tal-konvenuti jolqot il-*quantum* tal-kumpens non-pekunjarju, li l-konvenuti jgħidu illi huwa wisq. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … … fi kwalunkwe każ, l-appellanti jħossu illi l-ammont ta’ erbgħin elf euro (€40,000) likwidat bħala danni huwa għoli wisq. Dan qed jingħad anke fid-dawl ta’ ġurisprudenza nostrana f’dan ir-rigward. Kif jingħad b’mod kostanti fil-ġurisprudenza, meta l-qorti tiġi biex tillikwida danni non-pekunjarji (bħal ma ġie likwidat mill-ewwel qorti), il-qorti tħares lejn ċertu fatturi prinċipali u *cioè* l-età tal-mewt tal-vitma, it-tul ta’ żmien li matulu l-vittma damet issofri l-marda, l-ansjetà u s-sofferenza tal-familjari, l-istat ta’ saħħa tal-vittma qabel ma qabditu l-marda, jekk il-vittma kellux dipendenti fuqu u anke f’xi każi t-trapass ta’ żmien minn meta l-vittma ritra sakemm ħakmitu l-marda. Fil-każ odjern, mill-provi prodotti jirriżulta illi Alexander Falzon miet fl-età ta’ ħamsa u ħamsin sena (55) sena u dan wara li kien ilu rtirat għal għaxar (10) snin. Jirriżulta wkoll illi hu ġie iddijanjostikat bil-marda f’Novembru tas-sena 2016 u miet fl-20 ta’ April 2018;
>
> »illi dan premess, meta wieħed iqabbel l-ammont ta’ kumpens non-pekunjarju likwidat fil-każ odjern mal-kumpens likwidat minn din l-onorabbli qorti jirriżulta illi l-kumpens mogħti f’din il-kawża huwa eċċessiv. F’dawn iċ-ċirkostanzi l-appellanti jaraw li huwa ferm aktar rilevanti li din l-onorabbli qorti torbot il-likwidazzjoni tal-kumpens ma’ kawżi simili. Għalhekk l-istess appellanti jistiednu lil din l-onorabbli qorti biex tħares lejn is-sentenzi Brincat u oħrajn *v.* Malta tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-kumpens ma qabiżx it-€30,000 għal kull familja, lejn is-sentenza fl-ismijiet Lawrence Grech et

[3] Para. 23 *et seqq., infra*.

v. Tabib Prinċipali tal-Gvern *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2019 fejn il-qorti ordnat kumpens ta' €30,000, George Spiteri *et v. Policy Manager* tal-*Malta Shipyards et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Novembru 2016 fejn il-kumpens ma qabiżx il-€25,000 u Mary Grace Farrugia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-31 ta' Jannar 2017 fejn il-kumpens ma qabiżx it-€30,000. L-appellanti jagħmlu referenza wkoll għal sentenza riċenti mogħtija minn din l-onorabbli qorti fl-ismijiet John Formosa *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'Ottubru 2018 fejn bħala danni l-Qorti akkordat is-somma ta' wieħed u għoxrin elf euro (€21,000). L-appellanti jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Emanuela Caruana *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et* deċiża fil-5 t'Ottubru 2018 fejn hemmhekk il-Qorti Kostituzzjonali stabbilit kumpens ta' tnax-il elf (€12,000), kif ukoll għas-sentenza James Fenech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika ) *et* deċiża fit-12 ta' Lulju 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti u akkordat kumpens morali ta' €26,000. F'dak il-każ missier ir-rikorrenti kien marad ta' 51 sena u miet ta' 55 sena.

»Għalhekk fuq dawn ir-raġunijiet ma jidhirx li kien indikattiv li l-appellati jieħdu l-kumpens ordnat mill-ewwel onorabbli qorti u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk il-kumpens mogħti mill-ewwel onorabbli qorti għandu jiġi mħassar jew ridott sostanzjalment.«

20. Parti mill-aggravju tal-appell tal-atturi wkoll jolqot il-likwidazzjoni tad-danni non-pekunjarji, u għalhekk il-qorti sejra tqis l-aggravji tal-partijiet fuq dan il-punt flimkien. Din il-parti tal-aggravju tal-atturi ġiet imfissra hekk:

»Talba għal awment fid-danni morali

»Il-*lifespan* medja ta' raġel Malti skond il-*WHO* f'Malta hija ta' madwar 85 sena, però regola ta' statistika hi li aktar ma bniedem jgħix fit-tul, aktar hemm ċans li l-ħajja tiegħu taqbeż il-medja stabbilita.

»Il-Qorti Ewropea ikkonsidrat bħala rimedju effettiv ħames snin ilu f'każijiet simili fejn grupp ta' aktar minn għoxrin persuna, ta' etajiet ferm differenti, li ilkoll ġew affettwati mill-asbestos iżda ma mitux ġew akkordati rimedju non-pekunjarju ta' €9,000 individwalment, mentri tliet familjari ta' vittma li mietu kawża tal-asbestos ingħataw danni non-pekunjarji ta' £30,000 kollettivament (Brincat *v.* Malta - 5 applikazzjonjiet - 2014). L-istess ġara fil-każ ta' Mary Grace Farrugia *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern *et* (PA, Sede Kost., deċ. 31 Jannar, 2017) fejn ingħata kumpens ta' €30,000 in linja ma' Brincat *v.* Malta.

»Illi kull trattat, inkluż il-Konvenzjoni Ewropea, għandu jiġi osservat u enforzat *in good faith*. Dan hu wieħed mill-prinċipji l-aktar fundamentali tad-dritt. Tant hu hekk li fin-*Nuclear Tests Case* (Australia *v.* France) (Merits) [1974] ICJ ġie dikjarat bħala l-aktar kunċett importanti fid-dritt internazzjonali. Il-prinċipju ta' *good faith* jikkostitwixxi il-fibra tal-

preamblu tat-Trattat ta' Vienna dwar id-Dritt Internazzjonali Konswetitudinarju li għalieh Malta aċċeddiet u rratifikat.

»*Good faith* huwa prinċipju u kif qal Sir Gerald Fitzmaurice (*barrister* Ingliż u mħallef tal-*ICJ*): "*Good faith is a principle: by a principle, or general principle, as opposed to a rule, even a general rule, of law is meant chiefly something which is not itself a rule, but which underlies a rule, and explains or provides a reason for it. A rule answers the question 'what': a principle in effect answers the question 'why'*" (*Hague Academy Lecture* – 1957).

»Illi il-Parlament Malti għadu ma ppromulgax il-qafas legali għad-dritt u il-kwantifikazzjoni tad-danni morali f'każijiet ta' *infringement* tal-art. 2 tal-Konvenzjoni. B'hekk inħoloq *vacuum* f'dawn it-tip ta' kawżi – fatti li jfakkru l-isfond fattwali ta' Riccardo Pizzatti *v.* Italy (*ECtHR – Grand Chamber* – 29 ta' Marzu, 2006).

»… … … Il-liġi ta' danni f'Malta diġà hi liġi li tikkunpensa il-vittma skond l-età u dak li hu kapaċi jiġġenera ekonomikament. Ma hemm ebda bżonn ta' framentazzjoni ulterjuri ta' kif id-dritt għall-ħajja jiġi kumpensat.

»Hu ukoll importanti li l-għotjiet ikunu jirriflettu il-valur reali tal-livell ta' għajxien tal-post … … …

»… … …

»Is-somma ta' €35,000 hi, meta imqabbla ma *quanta* ta' danni morali li jingħataw f'pajjiżi oħra Ewropej, inkluż l-Italja u r-Renju Unit – tenut anke kont id-differenza fil-livell ta' għajxien bejn Malta u dawn iż-żewġ pajjiżi – waħda mill-aktar *quanta* ta' danni morali minimi li joffru ġurisdizzjonijiet marbuta taħt il-Konvenzjoni.

»Illi dawn iż-żewġ ġurisdizzjoni fl-ekwivalenti tagħhom għad-danni morali (*pain*, *suffering and loss of amenity*, u *danno biologico* u *danno morale*)

»a) joffru riduzzjoni ta' mhux aktar minn 10% għall kull deċenju fl-età tal-vittma,

»b) joffru mill-anqas id-doppju ta' €30,000 fl-ipoteżi fejn il-vittma ikollu aktar minn disgħin (90) sena u s-sofferenza ma tissuperax it-tliet xhur.

»Il-kalkolazzjonijiet fil-paragrafu preċedenti diġà jiffatturaw għad-differenza fil-livell ta' għajxien kif ukoll il-pagi medji bejn Malta u dawn iż-żewġ pajjiżi skond statistika tal-*GDP* tal-2018 tal-*Eurostat*.

»Illi l-*margin of appreciation* li għandu kull stat li jenforza l-Konvenzjoni, inkluż l-għotja ta' danni morali f'każ ta' vjolazzjoni tal-art. 2 (u 3) tal-Konvenzjoni, hu dejjem soġġett għall-*good faith* ta' min jippromulga, japplika u jenforza l-liġi.

»Il-linja aħħarija fejn jiġu akkordati danni morali hi li jkun hemm impatt. L-impatt irid jinħass kemm mill-vittmi kif ukoll fuq min jivvjola dan it-tip ta' dritt: dan hu l-pedament, l-effet utili tal-Konvenzjoni.«

21. Tassew illi l-likwidazzjoni ta' danni non-pekunjarji hija eżerċizzju x'aktarx soġġettiv; madankollu, fl-interess ukoll ta' uniformità u pre-

vedibilità huwa xieraq illi tinżamm relatività ma' sentenzi f'kawżi oħra li jixbhu lil din. Wara li qieset il-fatturi relevanti fil-każ tallum, fosthom l-età li kellu l-attur meta miet, it-tul taż żmien li għamel ibati mill-marda, u l-grad ta' dependenza fuqu tal-werrieta tiegħu, kif ukoll il-likwidazzjonijiet li saru f'kawżi oħra li jixbhu lil din, il-qorti hija tal-fehma illi kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) ikun xieraq u biżżejjed.

22. F'dan is-sens għalhekk qiegħda tiddisponi mill-aħħar aggravju tal-konvenuti u mill-parti tal-aggravju tal-atturi li jolqot id-danni non-pekunjarji.

23. Ngħaddu issa għall-appell tal-atturi dwar id-danni pekunjarji. L-atturi fissru din il-parti tal-appell tagħhom hekk:

> »… … … Għalkemm l-esponenti huma konfortati bil-fatt li il-mewt ta' Alexander Falzon ġiet dikjarata bħala vjolazzjoni tal-art. 33 tal-Kostituzzjoni u l-art. 2 tal-Konvenzjoni, fl-istess ħin jħossuhom aggravati:
>
> »a) għall-fatt li ma ġiex illikwidat b'mod ġust it-telf reali li ġarrbu ir-rikorrenti u dan minkejja li ġew preżentati id-dokumenti tat-taxxa li juru il-qligħ li kien jagħmel Alexander Falzon qabel ma marad kif ukoll xiehda dettaljata dwar ix-xogħol li kien jagħmel fid-dar matrimonjali, u ma' ibnu Daniel;
>
> »b) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede Kostituzzjonali tista' tillikwida bħala kumpens għal ksur ta' jedd fondamentali kwalunkwe tip ta' danni kemm reali kif ukoll morali iżda dan m'għamlitux b'mod ekwu fl-animu ta' *restitutio in integrum*;
>
> »ċ) għall-fatt li d-danni non-pekunjarji huma baxxi wisq u ma jirriflettux il-gravità tal-każ u l-i*standards* ta' għajxien tal-pajjiż.
>
> »It-telf reali tar-rikorrenti u l-kompetenza tal-Prim'Awla (sede Kost-ituzzjonali), il-ħames, is-sitt talba fir-rikors promotur
>
> »Huwa dritt tal-appellanti li jitolbu il-likwidazzjoni tad-danni reali fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, anke jekk din l-istess qorti skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 tal-Kap. 319 għandha il-ġurisdizzjoni tisma' kawżi li jinvolvu vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. Ma jeżistux żewġ Prim'Awli – dik vestita b'ġurisdizzjoni dwar vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali u oħra mingħajr tali ġurisdizzjoni. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hemm waħda kif hu evidenti mill-korp tal-liġi tagħna u hija din il-

qorti li għandha il-ġurisdizzjoni u d-dmir li tillikwida id-danni pekunjarji u non-pekunjarji f'dan il-każ.

»Il-kumpens li talbu l-applikanti m'huwiex kwalifikat bħala dak non-pekjunarju biss. Dan hu anke rifless fil-premessi u t-talbiet u provi mressqa minnhom fejn ġie enfasizzat li Alexander Falzon ma setax ikompli jaħdem bħala mastrudaxxa / *handyman*, u jagħmel manutenzjoni id-dar u jieħu ħsieb lil ibnu Daniel.

»Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha (1031, Kap. 16), u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (1032(2) Kap. 16). Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mill-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (1033, Kap. 16).

»illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti:

»(a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil;

»(b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha;

»(ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qlieħ ieħor attwali; u

»(d) fit-telf ta' qliegħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (1045.1, Kap. 16).

»Alexander Falzon miet ta' 55 sena, iżda ma setax ikompli jaħdem f'Novembru 2016 meta saret id-dijanjosi tal-marda. Dan għaliex kellu jieħu kors kimoterapija, raġġi, u mediċini li huma ħorox ferm u redewh inkapaċi għax-xogħol tiegħu bħala mastrudaxxa / *handyman*.

»Kieku ma maradx Alexander Falzon kien mistenni jipperċepixxi introjtu mix-xogħol tiegħu għal mill-anqas ħdax-il sena oħra. Dan għaliex hu kien mistenni li jkompli jaħdem sa 65 u *cioè* sas-sena 2027.

»Qabel ma marad kien bniedem b'saħħtu u kellu ukoll in-negozzju tiegħu u kif xehed Patrick Cassar fl-*affidavit* tiegħu kien jieħu ħsieb il-karozzi tiegħu u ta' martu kif ukoll id-dar matrimonjali inkluż l-għamara meħtieġa, kif ukoll il-*plumbing* u tibjid u kull ħaġa oħra. Dan għandu valur ukoll fuq il-kwantifikazzjoni tal-ħsara li ġarrab hu u konsegwentement ukoll illum martu u ibnu kemm f'isimhom proprju kif ukoll bħala eredi tiegħu. M'hiex l-ewwel darba li l-Qrati tagħna jikkwantifikaw il-valur ta' xogħol li għalih vittma ma jitħallasx bħal per eżempju xogħol tad-dar, u l-integrità fiżika permezz tagħha tgħolli il-kwalità tal-ħajja tal-vittma u tal-familja tiegħu jew tagħha.

»Fis-sena 2016 Alexander Falzon ħadem biss għal madwar 9 xhur. F'dawk id-9 xhur li ħadem hu iddikjara €9,200 u *cioè* ftit aktar minn elf euro fix-xahar. Kieku ħadem sena sħiħa kien mistenni jiddikjara introjtu ta' €12,266 (9,200/9 × 12). Hi din il-figura li l-esponenti isostnu li hu ekwu li tiġi utilizata bħala telf fid-dħul mix-xogħol tiegħu skond il-formula adotta f'Butler *v,* Heard.

»Għalhekk il-*multiplier* li għandhu jiġi adottat hu ta' 11-il sena (2027 (sena ta' l-irtirar mix-xogħol ta' A.F.) – 2016 (sena meta kellu jieqaf jaħdem minħabba il-marda)).

»Kull sena hu mistenni li, bejn inflazzjoni fil-valur tal-euro u żieda fix-xogħol għaliex hu kien mastrudaxxa ta' teknika tajba ħafna u meta marad kien għadu kemm jibda in-negozju tiegħu, li jkun hemm akkrexximent ta' madwar 7% fis-sena. Għalhekk m'għandu jitnaqqas xejn mill-ammont pretiż ta' 11-il sena lavorattivi.

»11× €12,266 = €134,926

»Ir-rikorrenti Mary Rose Falzon, l-armla tal-vittma, ukoll kienet tgawdi mill-għajnuna ta' żewġha Alexander fid-dar matrimonjali. Huwa ormaj ben stabbilit fil-kawżistika tagħna li xogħol li ma jikklassifikax bħala wieħed ta' impieg tradizzjonali imma li xorta għandu valur għandu jiġi riżarċit. Ngħidu aħna penzjonant jew inkella mara tad-dar ġew kumpensati għalkemm ma jitħallsux għal dak ix-xogħol … … …

»Bħal ħafna ħaddiema tat-tarzna, Alexander kien kapaċi jirranġa u jagħmel kull ħaġa li seta' jkun hemm bżonn fid-dar matrimonajli. Kif ukoll jieħu ħsieb il-vetturi tiegħu u ta' martu. … … …

»Minħabba il-mewt ta' żewġha l-armla tiegħu ser tkun kostretta tħallas il-ħaddiema sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni (tibjid, elettriku, ilma, aperturi, għamara, *car service*, *etc.*). … … …

»• €16,000 kull ħames snin sabiex tinżebagħ id-dar minn barra u minn ġewwa, u sabiex issir il-manutenzjoni kull sena fuq il-bejt;

»• €27,000 kull ħmistax il-sena għall-għamara kollha inkluż il-kċina;

»• €5,100 kull ħmistax il-sena fuq bibien u aperturi;

»• €3,500 kull ħmistax il-sena għal *plumbing*;

»• €800 euros kull sena għal ħsarat oħra mhux inklużi hawn fuq;

»Irid jingħad ukoll li l-intimati ma ressqu ebda prova kuntrarja għall-dak li xehed Patrick Cassar fl-*affidavit* tiegħu.

»Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob l-ammont ta' €5,000 kull sena sakemm Alex Falzon kien jagħlaq 70 sena, li hi età raġonevoli li wieħed jistenna li hu kien ikompli jagħmel tali xogħlijiet fid-dar kieku ma ġiex nieqes.

»Għalhekk l-ammont pretiż f'dan ir-rigward hu ta' €75,000 (15-il sena × €5,000).

»Għalhekk it-total mitlub f'danni reali hu ta' €204,926, iżda l-ewwel qorti akkordat biss €5,000. Dan hu żbaljat u ta' inġustizzja kbira mall-vittmi. Fil-verità il-likwidazzjoni ta' danni pekunjarji f'Malta tistrieħ fuq proġettazzjoni probabbli tal-futur ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom id-danneġjat eżattament qabel ma jiskatta id-dannu u dan b'rifless tal-prinċipju mill-aktar fondamentali ta' *restitutio in integrum*. Dawn iċ-ċirkostanzi ġew ipprovati bl-aqwa mezzi disponibbli għall-appellanti u jikkonsistu f'diversi *affidavits*, u dikjarazzjoni tat-taxxa u l-qorti tal-prim'istanza kellha id-dmir legali u morali li tillikwida dawn id-danni hekk provati.

»… … …

»Għaldaqstant, ġaladarba ġie ppruvat in-ness bejn il-ħtija u d-danni subiti – u dan skond ukoll in-nota imressqa mir-rikorrenti – għandhom jiġu akkordati id-danni reali kollha rikjesti. L-ewwel qorti żbaljat meta

skartat għal kollox it-talbiet u l-provi relattivi għall-ħlas ta' danni kif dedotti.

»Kieku Alexander Falzon ma mietx kawża tal-asbestos kien mistenni li jgħix għal madwar tletin sena oħra għaliex kien raġel b'saħħtu u anke skond statistika tal-*WHO* fejn raġel Malti jgħix madwar 83 sena *on average*. … … …

»Kienu igawduh martu li llum tinsab waħedha u ibnu li għandu biss għaxar snin.

»Kien mistenni li jkompli jaħdem bħala mastrudaxxa / *handyman* għal ħdax il-sena oħra mill-anqas.

»Kien mistenni li Alexander Falzon kien jieħu ħsieb id-dar tiegħu, il-*maintenance* kollha bħal tibjid, dawl, ilma u *maintenance* tal-bini u peress li kien abbli ħafna kien mistenni li jieħu u jagħmel l-għamara kollha f'daru.

»Kien mistenni li jkompli jkun ta' sostenn morali u ta' għajnuna prattika għal martu u għal ibnu.

»Kien mistenni li jgħix ħajtu u li jtemm ħajtu b'mod naturali u mhux bl-uġigħ kollu li kellu jgħaddi minnu, tort tal-intimati. Kien mistenni li f'dan il-perjodu l-ħajja familjari tar-rikorrenti ma titkissirx.

»Għalhekk din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali hi mitluba tillikwida d-danni reali u morali dovuti lill-eredi tiegħu u li tagħmel ħaqq mar-rikorrenti u tinvoka l-applikazzjoni tal-art. 1, Protokol 1, meħud waħdu u in konjuzzjoni mal-artt. 14 u 13, l-art. 1 tal-Protokol 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

24. Il-qorti taqbel mal-atturi illi x'aktarx illi l-attur Alexander Falzon kien ikompli bix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa li kieku ma maradx. Irtira mix-xogħol fit-Tarzna f'età relativament żgħira u ma jidher li kien ħa ebda benefiċċju minn xi skema ta' irtirar. Jidher mela li x-xogħol ta' mastrudaxxa kien sejjer ikun il-mezz ta' għixien tiegħu u tal-familja.

25. Taqbel ukoll illi l-*multiplier* għandu jkun, kif mitlub mill-atturi, id-differenza bejn l-età meta kellu jirtira minħabba l-mard u l-età ta' ħamsa u sittin sena, ladarba kien effettivament *self-employed.*

26. Fil-fehma tal-qorti d-dħul medju li fuqu jinħadem il-*lucrum cessans* għandu jiġi aġġustat biex jagħmel tajjeb mhux biss għall-inflazzjoni iżda wkoll għal xogħol ieħor mhux imħallas li l-attur kien jagħmel

fid-dar. Dan, fil-fehma tal-qorti, ikun aktar xieraq milli jiżdiedu ċ-ċifri mhux għal kollox realistiċi li jippretendu l-atturi għal xogħlijiet fid-dar. Meqjus dan kollu, il-qorti hija tal-fehma illi dħul medju ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) fix-xahar, jew tmintax-il elf euro (€18,000) fis-sena, ikun ċifra tajba u realistika. *Lucrum cessans* għalhekk jiġi mija u tmienja u disgħin elf euro (€198,000 = €18,000 × 11).

27. Billi l-kawża nqatgħet fi żmien relativament qasir, u għalhekk l-atturi sejrin jieħdu parti sew mill-kumpens bil-quddiem, huwa xieraq, bħal ma jsir f'ċirkostanzi simili, illi jsir tnaqqis ta' għaxra fil-mija (10%) biex ipatti għal dan il-benefiċċju. Jifdal bilanċ ta' mija u tmienja u sebgħin elf u mitejn euro (€178,200).

28. Ukoll, kif hija l-prassi fil-każ ta' fatalità, billi l-kumpens sejrin jeħduh il-werrieta u d-dipendenti, għandu jsir tnaqqis ta' tlieta u tletin fil-mija (33%) biex ipatti għal dak li kien jikkonsma l-mejjet li kieku baqa' ħaj. Jifdal bilanċ ta' mija u dsatax-il elf u erba' mitt euro (€119,400).

29. Billi l-atturi huma l-armla tal-vittma u bintu, ma għandu jsir ebda tnaqqis minħabba l-grad ta' dipendenza.

30. Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni pekunjarji għal *lucrum cessans* fis-somma ta' mija u dsatax-il elf u erba' mitt euro (€119,400).

31. Inċidentalment, dan l-eżerċizzju juri kemm hu f'waqtu dak li osservat il-qorti aktar qabel[4] illi kawżi bħal din aktar huma ta' natura

4 Para. 8 *et seqq., supra*.

ċivili milli kostituzzjonali, ladarba ma hemm ebda ostakolu li rimedju sħiħ jingħata minn qorti ta' kompetenza ordinarja.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi kemm mill-appell tal-atturi u kemm minn dak tal-konvenuti billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-jedd tal-atturi mħares taħt l-art. 33 tal-Kostituzzjoni u l-art. 2 tal-Konvenzjoni Ewropea iżda mhux ukoll taħt disposizzjonijiet oħra ta' dawk il-liġijiet;

    ii. tħassarha fejn illikwidat id-danni non-pekunjarji fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) u, minflok, tillikwida dawk id-danni fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000);

    iii. tħassarha fejn illikwidat is-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) biex "tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti rigward-anti manutenzjoni fid-dar matrimonjali";

    iv. tħassarha fejn ċaħdet il-ħames u s-sitt talbiet u tgħid, minflok, li l-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ tal-attur Alexander Falzon u, bħala kumpens għad-danni pekunjarji li ġarrbu l-atturi minħabba f'hekk, tillikwida s-somma ta' mija u dsatax-il elf u erba' mitt euro (€119,400); u

    v. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni pekunjarji u non-pekunjarji kif fuq likwidati, flimkien mal-imgħax relativ millum.

33. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallsuhom il-konvenuti. L-ispejjeż tal-appelli, kemm dak tal-atturi u kemm dak tal-konvenuti, jinqasmu

hekk: sehem minn tmienja ($^1/_8$) jħallsuh l-atturi u seba' ishma minn tmienja ($^7/_8$) jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur